MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-5 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 201/2001/1

**Registratur tal-Qrati.**

**-vs-**

**Philip O. Gatt u Mark Gatt f'isimhom proprju kif ukoll bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza ta' *Resort Hotels Limited*.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fis-7 ta' Frar, 2001 li permezz taghha l-attur ippremetta:

1. Illi b'digriet ta' l-10 ta' Novembru, 1995, fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet *Adrian Busietta pro et noe vs Philip O. Gatt pro et noe*, numru 2763/95, din il-Qorti inibiet lill-konvenuti milli, *inter alia*, jbieghu,

jittrasferixxu jew jiddisponu, in toto jew in parti, il-lukanda San Julien, Triq Dragonara, San Giljan (dok. “A”);

2. Illi b’digriet iehor tad-9 ta’ Mejju, 1997, l-istess Qorti hatret sekwestratarju gudizzjarju biex jiggestixxi l-istess lukanda (dok. “B”);

3. Illi b’rikors tal-15 ta’ Novembru, 1999, Adrian Busietta irrileva illi, minkejja l-hrug tal-mandat imsemmi, l-konvenuti kienu dahlu fi ftehim ma’ certu Stephen England, li permezz tieghu ir-*Reef Bar*, li jifforma parti mill-lukanda msemmija, gie mghoddi f’idejn l-istess Stephen England b’kirja u versu hlas ta’ somma flus bhala rigal, u ghaldaqstant l-istess Adrian Busietta, in vista tal-premess, talab illi din il-Qorti tordna li jittiehdu proceduri ta’ disprezz fil-konfront ta’ *Resort Hotels Limited* u tal-konvenuti diretturi taghha (dok. “C”);

4. Illi b’sentenza tas-16 ta’ Jannar, 2001, din il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrent imsemmi u ordnat lir-Registratur tal-Qrati biex fi zmien xahar jibda procediment kontra l-konvenuti taht l-artikolu 1003A tal-Kap 12 ghall-disprezz lejn l-awtorita’ tal-Qorti billi l-konvenuti ma qaghdux ghall-ordnijiet moghtija lilhom permezz tad-digrieti ta’ l-10 ta’ Novembru, 1995 u tad-9 ta’ Mejju, 1997 (dok. “D”).

5. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex;

i. issibhom hatja ta’ disprezz lejn l-awtorita’ taghha taht it-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kap. 12;

ii. tikkundannahom ghall-pieni indikati fl-istess Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kap. 12.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huwa wkoll ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti pprezentata fl-20 ta’ Marzu, 2001 li permezz taghha eccepew;

Illi t-talba / talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez ghas-segwenti ragunijiet:

1. In linea preliminari minghajr pregudizzju ghall-premess l-konvenuti jiddikjaraw li huma intavolaw proceduri ta’ ritrattazzjoni abbazi ta’ l-artikolu 811 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk din il-Qorti hija mitluba tissoprasiedi sal-ezitu finali tal-kawza riferita.

2. In linea preliminari u minghajr pregudizzju ghall-premess in-nullita tal-att tac-citazzjoni peress li mhiex konformi mad-dettami tal-ligi.

3. Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess jigi dikjarat li t-talba attrici hija infondata.

4. In subbordinazzjoni u minghajr pregudizzju ghall-premess l-eccipjenti jirriservaw li jippresentaw eccezzjonijiet ulterjuri skond il-kaz, hekk kif ic-citazzjoni tigi konformi mal-kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili u tigi hekk lilhom notifikata.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta’ Frar, 2006 li permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati trattawha.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob li l-konvenuti jigu kkundannati ghal disprezz lejn l-awtorita’ taghha wara li allegatament injorat u

ma obdietx l-ordni taghha kontenuta fil-mandat ta' inibizzjoni numru 2763 tas-sena 1995 meta xorta *trasferee in toto jew in parte* il-lukanda San Julien f'San Giljan.

Mill-atti tal-kawza jirrizulta illi Adrian Busietta f'ismu u f'isem ohrajn kien talab u ottjena fil-konfront tas-socjetajiet Resort Hotels Limited, Resort Hotel Holdings Limited u Finvest International Limited u tal-konvenut Philip Gatt f'ismu, il-mandat in kwistjoni. Din ic-citazzjoni harget fil-konfront tal-konvenuti f'isimhom u f''isem is-socjeta' Hotel Resorts Limited biss. Ghalhekk il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tinvestiga l-operat taz-zewg socjetajiet l-ohra msemmija fil-mandat ghaliex m'humiex parti minn din il-kawza.

Is-socjeta' konvenuta, apparti illi ntavolat eccezzonijiet procedurali qed tinnega illi kienet hatja ta' xi disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti

L-unika prova sostanzjali li tressqet fil-kawza, kienet l-iskrittura li saret fl-1998 u esebita a fol 87 tal-process fejn il-konvenut Mark Gatt *ghan-nom tas-socjeta Hotel Services Limited* ittrasferixxa l-gestjoni ta' zewg *outlets* fil-lukanda in kwistjoni lil Stephen England. Din is-socjeta' ma kinitx investita mill-mandat ta' inibizzjoni kif lanqas ma kien investit l-istess Mark Gatt personalment.

Il-Qorti tissuspetta li setghet saret xi manuvra biex it-trasferiment imsemmi isir minghajr ma tissemma xi persuna jew socjeta' li kienet investita mill-mandat izda ma tressqet ebda prova f'dan is-sens. Wiehed ghandu dejjem izomm f'mohhu f'kawzi simili li dawn huma ta' natura *kwazi* kriminali u ghalhekk il-prova trid tkun altrettantu skjaccjanti u minghajr ombra ta' dubbju biex twassal lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut. Din il-Qorti per ezempju fil-kawza Registratur tal-Qorti vs Anthony Gauci (11 ta' Lulju, 2001) qalet illi; "*Jidher car li dan il-procediment huwa ta' indoli kriminali. Il-fatt li l-*

*istess provediment jigi ntrodott b'citazzoni cioe' att li ordinarjament jintuza f'azzjonijet civili ma jnehhi xejn min-natura kriminali.* L-istess intqal fil-kawza Catherine Portelli vs Joseph Cachia (28 ta' Jannar, 1991) mill-Qorti tal-Appell.

Ghalhekk il-Qorti f'din il-kawza ma tistax tasal biex tilqa' t-talba attrici billi ma gewx sufficjentement pruvati, fil-konfront tal-konvenuti odjerni, il-fatt li jaghtu lok ghall kundanna ghal disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuti u tichad it-talbiet attrici.**

**L-ispejjes tal-kawza jithallsu mill-attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------